Nru. 18,041
Prezz/Price
Lm1.28 (€2.98)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Frar, 2007
Tuesday, 27th February, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 155

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,040 tat-23 ta' Frar 2007.

A.L. Nru. 31 ta' l-2007: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Eko-Kontribuzzjoni.

A.L. Nru. 32 ta' l-2007: *Pesticides Control Act (Cap. 430); Plant Protection Products (Amendment) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 33 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Act No. XVIII of 2001); Control of Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al (Amendments) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 34 ta' l-2007: Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini.

A.L. Nru. 35 ta' l-2007: Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Ordni ta' l-2007 dwar ir-Reviżjoni Parzjali ta' Struttura.

A.L. Nru. 36 ta' l-2007: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi ta' l-Inflazzjoni għas-Sena 2006.

Is-27 ta' Frar, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 155

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,040 of the 23rd February, 2007.

L.N. No. 31 of 2007: Eco-Contribution Act (Cap. 473); Eco-Contribution (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 32 of 2007: Pesticides Control Act (Cap. 430); Plant Protection Products (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 33 of 2007: Plant Quarantine Act (Act No. XVIII of 2001); Control of Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al (Amendments) Regulations, 2007.

L.N. No. 34 of 2007: Development Planning Act (Cap. 356); Building Levy Rates (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 35 of 2007: Development Planning Act (Cap. 356); Partial Structure Plan Review Order, 2007.

L.N. No. 36 of 2007: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2006.

27th February, 2007

Nru. 156

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA' BINI (KAP. 69) BORD LI JIRREGOLA L-KERA

Ħatra ta' *Chairperson*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) il-President ta' Malta fid-19 ta' Frar 2007, approva n-nomina tal-Maġistrat Dott. Giovanni Grixti, LL.M. (IMO - IMLI), LL.D., bħala *Chairperson* tal-Bord imsemmi.

Id-19 ta' Frar, 2007
(MJ/44/99/II)
(OPM 1184/58/III)

No. 156

RELETTING OF URBAN PROPERTY (CAP. 69) RENT REGULATION BOARD

Appointment of Chairperson

IN exercise of the powers conferred by section 16 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Cap. 69) the President of Malta has on the 19th February 2007 approved the appointment of Magistrate Dr Giovanni Grixti, LL.M. (IMO - IMLI), LL.D., as Chairperson of the said Board.

19th February, 2007

Nru. 157

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Bordijiet ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar

Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 14 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356), il-President ta' Malta ħatar lil Dott. Robert Tufigno, B.A., LL.D., *Chairperson* tal-Bord 'B' ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar minflok Dott. Doreen Clarke, LL.D b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2007.

Is-27 ta' Frar, 2007

No. 157

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Planning Appeals Boards

Ministry for Rural Affairs and the Environment

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 14 of the Development Planning Act (Cap. 356) the President of Malta has appointed Dr Robert Tufigno B.A., LL.D., Chairperson of the Planning Appeals Board 'B' in lieu of Dr Doreen Clarke, LL.D with effect from the 22nd February, 2007.

27th February, 2007

Nru. 158

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-18 sa l-24 ta' Frar 2007, iż-żewġ dati inklużi.

It-22 ta' Frar, 2007
MPO/1057/56/V

No. 158

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by article 91 (1) and by article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 18th to 24th February, 2007, both days inclusive.

22nd February, 2007

Nru. 159

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	07 - 16.03.2007

Is-27 ta' Frar, 2007

No. 159

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

27th February, 2007

Nru. 160

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kumitat Ornis

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 149 bid-data tat-22 ta' Frar, 2007 f'paġna 1750, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Frar, 2007, ngħarrfu illi Dott. Tonio Azzopardi ta r-riżenja tiegħu bħala *Chairman* tal-Kumitat Ornis u mhux Dott. Tonio Borg kif hemm fil-verżjoni bil-Malti.

Is-27 ta' Frar, 2007

No. 160

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Ornis Committee

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 149 dated 22nd February, 2007 on page 1750, published in the Government Gazette of the 23rd Februrary, 2007, it is notified that Dr Tonio Azzopardi handed in his resignation as Chairman of the Ornis Committee and not Dr Tonio Borg as shown in the Maltese version.

27th February, 2007

Nru. 161

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (A.L. 311 ta' l-2006), li ġew ippubblikati fis-7 ta' Diċembru 2006, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qiegħda b'din tiddikjara s-sit imniżżel hawn taħt bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni – Sit Kandidat ta' Importanza Nazzjonali:–

NAT 008. Żona fil-baħar fl-inħawi tad-Dwejra, Għawdex.

Is-27 ta' Frar, 2007

No. 161

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)


DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006

IN accordance with the provisions of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (L.N. 311 of 2006), published on the 7th December 2006, the Malta Environment and Planning Authority hereby declares the site listed hereunder to be a Special Area of Conservation – Site of National Importance:–

NAT 008. Marine area in the limits of Dwejra, Gozo.

27th February, 2007


N
426376.83
3992716.70
426377.99
3988509.34
0
500
1,000
metres
St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:21240976 Fax:21224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E57483, N72237
Max E58409, N73070
Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali
Żona Speċjali ta' Konservazzjoni - Sit ta' Importanza Nazzjonali
Żona fil-Baħar fl-Inħawi tad-Dwejra
NAT 008

Nru. 162

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi dawn li jidhru hawn taħt inħatru bħala Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu, 2007 u d-29 ta' Frar, 2008.

Malta
Dott. Renzo Porsella Flores, LL.D.
Dott. Beppe Fenech Adami, LL.D.
Dott. Martin Fenech, LL.D.
Dott. Mark Busuttil, LL.D.
Dott. Anthony Cutajar, LL.D.
Dott. Richard Sladden, LL.D.
Dott. Patrick Valentino, LL.D.

Għawdex
Dott. Chris Said, LL.D.
Dott. Kevin Mompalao, LL.D.

Is-27 ta' Frar, 2007
MJ/44/88/IV

No. 162

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that, the following have been appointed Official Curators and Advocates for Legal Aid, for the period between 1st March, 2007 and 29th February, 2008.

Malta
Dr Renzo Porsella Flores, LL.D.
Dr Beppe Fenech Adami, LL.D.
Dr Martin Fenech, LL.D.
Dr Mark Busuttil, LL.D.
Dr Anthony Cutajar, LL.D.
Dr Richard Sladden, LL.D.
Dr Patrick Valentino, LL.D.

Gozo
Dr Chris Said, LL.D.
Dr Kevin Mompalao, LL.D.

27th February, 2007

Nru. 163

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Prokuraturi Legali għal Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi dawn li jidhru hawn taħt reġgħu nħatru bħala Kuraturi Uffiċjali u Prokuraturi Legali għal Għajnuna Legali għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu, 2007 u d-29 ta' Frar, 2008.

Ms Liliana Buhagiar L.P.
Is-Sur Victor Bugeja L.P.
Is-Sur Mario Mifsud Bonnici L.P.
Ms Hilda Ellul Mercer L.P.
Ms Veronica Rossignaud L.P.
Ms Louisa Tufigno L.P.
Ms Doreen Aquilina L.P.

Is-27 ta' Frar, 2007
MJ/44/88/IV

No. 163

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Legal Procurators for Legal Aid

IT is notified for general information that, the following have been re-appointed Official Curators and Legal Procurators for Legal Aid, for the period between 1st March, 2007 and 29th February, 2008.

Ms Liliana Buhagiar L.P.
Mr Victor Bugeja L.P.
Mr Mario Mifsud Bonnici L.P.
Ms Hilda Ellul Mercer L.P.
Ms Veronica Rossignaud L.P.
Ms Louisa Tufigno L.P.
Ms Doreen Aquilina L.P.

27th February, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Project Leader (Public Sector Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Project Leader (Public Sector Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Project Leader (Public Sector Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Leader (Public Sector Finance)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Project Leader (Public Sector Finance)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 5 (bħalissa Lm9,560 (€22,268.81) fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħal *non-pensionable allowance.*

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Project Leader (Public Sector Finance)* jinkludu:-

a) Tanalizza strateġiji ta' l-entitajiet Governattivi biex jiġi assessjat kemm dawn l-istrateġiji jindirizzaw tajjeb il-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi tas-swieq li fih joperaw;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Project Leader (Public Sector Finance) in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Project Leader (Public Sector Finance) in the Ministry of Finance.

2.1 The selected candidates will enter into a three (3) year contract as Project Leader (Public Sector Finance) in the Ministry of Finance. Unsatisfactory performance as Project Leader (Public Sector Finance) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Salary Scale 5, he/she will be required to relinquish the duties of Project Leader (Public Sector Finance) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Project Leader (Public Sector Finance) is equivalent to the maximum of Scale 5 (currently Lm9,560 (€22,268.81) per annum). In case the selected applicant is a public officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The selected candidate will be entitled to a performance bonus of up to 10% of his/her salary.

4. The duties of Project Leader (Public Sector Finance) include:-

a) To analyse the strategies of Government entities and assess their suitability to the environmental and market characteristics in which they operate;

b)Tanalizza l-pjanijiet ta' ħidma ta' entitajiet Governattivi biex tiżgura li l-miri strateġiċi qegħdin jiġu identifikati u milhuqa;

ċ) Tanalizza estimi u rendikonti finanzjarji ta' l-entitajiet Governattivi sabiex tiżgura effiċjenza u effettivita';

d) Tiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi ta' ħidma li jkunu ġew stabbiliti;

e)Tirraporta dwar '*value for money*' f'entitajiet Governattivi biex tiżdied l-effiċjenza u l-effettività;

f) Tipprepara rapporti strateġiċi u finanzjarji fuq l-għażliet differenti li jistgħu jiġu implimentati minn entitajiet Governattivi, u tirraporta fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' dawn l-għażliet;

g) Tikkontribwixxi lejn l-immaniġġjar finanzjarju effiċjenti ta' l-entitajiet tal-Gvern billi tiżgura li miżuri ta' kontroll finanzjarju intern jiġu adottati u implimentati;

h) Tiżgura li l-istrateġiji u l-pjanijiet finanzjarji ta' l-entitajiet qegħdin jiġu implimentati;

i) Tipprepara dokumenti strateġiċi *(policy papers)* fuq suġġetti relatati ma' l-istrateġiji u l-operazzjoni ta' entitajiet tal-Gvern;

j) Tikkontribwixxi lejn il-baġit tal-Gvern billi tanalizza l-pjanijiet u l-estimi finanzjarji ta' l-entitajiet Governattivi biex jintlaqgħu l-miri fiskali tal-Gvern;

k) Tipprepara rapporti finanzjarji u ta' negozju, *status reviews* u *assessments, cost benefit analysis*, rapporti fuq immaniġġjar u dokumenti oħra;

l) tiffranka fejnhuwa possibbli b'mod razzjonali u tagħraf fejn tista' tagħmel dan mill-ispiża permezz ta' diversi mekkaniżmi, bħal reviżjonijiet, verifiki, *benchmarking* u tekniki moderni oħra;

m) Tassessja kemm ikunu biżżejjed kontrolli finanzjarji f'entitajiet pubbliċi billi tevalwa *chart of accounts,* l-awditjar intern, servizzi ta' l-*accountancy*;

n) Tanalizza proġetti kapitali biex jiġi żgurat livell adekwat ta' mmaniġjar ta' proġetti;

o) Twettaq xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tad-Direttur *(Financial Control)*; u

b) To analyse Business Plans of Government entities and ensure proper strategic objectives are set and verify whether these objectives are reached;

c) To analyse budgets and financial statements of Government entities to ensure both efficiency and effectiveness;

d) To ensure that set performance standards are achieved;

e) To undertake value for money reviews within Government entities with the objective of increasing efficiency and effectiveness;

f) To prepare strategic and financial statements regarding the different options available to Government entities, highlighting advantages and disadvantages of each option;

g) To contribute towards the efficacious financial management of Government entities, ensuring that proper public internal financial control measures are adopted and in place;

h) To monitor the implementation of identified strategic and financial plans;

i) To prepare policy papers on issues related to Government entities' strategies and operations;

j) To contribute to the overall Government budget through analysis of Government entities' business plans and financial estimates contributing towards the fiscal consolidation objectives of Government;

k) To prepare financial and business statements, status reviews and assessments, cost-benefit analysis, financial management reports and other documents for the Public Sector;

l) To rationalise and identify potential savings in expenditure within Public Sector entities through a variety of mechanisms such as reviews, audits, benchmarking and other modern techniques;

m) To review and assess the adequacy of Public Sector entities financial control including their chart of accounts, internal audit, accountants, accountancy services, auditors;

n) To review ongoing capital projects of Public Sector entities against project management standards;

o) To carry out any other work as directed by the Director (Financial Control); and

p) Twettaq xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy* jew *Business Management* u ta' l-anqas tliet snin (3) esperjenza bħala *accountant/business analyst*/awditur, li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*;

Jew

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy* jew *Business Management* u ta' l-anqas ħames snin (5) esperjenza bħala *accountant/business analyst*/awditur, li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*;

(d) ikollhom sengħa ta' komunikazzjoni tajba ħafna, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma, inkluża s-sengħa tal-preżentazzjoni, u jkunu kapaċi ħafna kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll fil-lingwa Ingliża; u

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record (GP 47)*; waqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku

p) To carry out any other work as directed by the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

5.1 Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) be in possession of a recognized postgraduate degree, or a recognized comparable appropriate qualification, in Accountancy or Business Management plus a minimum of three (3) years' practical experience as an accountant/auditor/business analyst, of which one (1) year in a management position;

Or

(ii) be in possession of a recognized first degree, or a recognized comparable appropriate qualification, in Accountancy or Business Management plus a minimum of five (5) years' practical experience as an accountant/auditor/business analyst, of which one (1) year in a management position;

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, including presentation skills, and an excellent command of both Maltese and English; and

(e) be of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued

ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

5.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk il-kandidati li jkollhom livell għoli ta' analiżi u li jkunu kapaċi jagħmlu rakkomandazzjonijiet;

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornat minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fil-ftehim li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher

by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who have a high level of analytical skills and are able to formulate recommendations.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and\or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in

f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

9.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista' minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 23 ta' Marzu 2007.

12. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-impjegati, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Marzu 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356 2125 1356.

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sal-Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi jibgħat iriċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Frar, 2007

the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.gov.mt

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 23rd March 2007.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
or obtained from the Personnel Section of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta.

13. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon of Friday, 23rd March 2007, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Ministry of Finance is +356 2125 1356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

27th February, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'
Programme Manager (Finance)
fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex timtela l-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Programme Manager (Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Programme Manager (Finance)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Programme Manager (Finance)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,316 (€19,371.07) fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* jinkludu:–

(a) tikkontrolla mill-viċin u b'mod regolari l-*financial* u *management accounts*, dħul, infiq, u pjan ta' infiq;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Programme Manager (Finance) in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the position of Programme Manager (Finance) in the Ministry of Finance.

2.1 The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Programme Manager (Finance) in the Ministry of Finance. Unsatisfactory performance as Programme Manager (Finance) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Salary Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Finance) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Programme Manager (Finance) is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,316 (€19,371.07) per annum). In case the selected applicant is a public officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The selected candidate will be entitled to a performance bonus of up to 10% of his/her salary.

4. The duties of Programme Manager (Finance) include:–

(a) monitoring closely and regularly financial and management accounts, revenue, spending and expenditure plans;

(b) tipprepara rendikont finanzjarju u ta' negozju, *status reviews* u *assessments, cost-benefit analysis,* rapporti fuq immaniġġjar finanzjarju u dokumenti oħra;

(ċ) tikkontrolla mill-viċin u tanalizza tibdil mill-miri finanzjarji, estimi u allokazzjonijiet;

(d) tiffranka fejnhuwa possibbli b'mod razzjonali u tagħraf fejn tista' tagħmel dan mill-ispiża permezz ta' diversi mekkaniżmi, bħal reviżjonijiet, verifiki, *benchmarking* u tekniki moderni oħra;

(e) li tirreġistra kull attività u li tikkompila rapporti/reġistri li jservu bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet finanzjarji għaqlija;

(f) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tad-Direttur *(Financial Control);*

(g) xogħol ieħor taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi.

5.1 L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy* jew *Business Management* u ta' l-anqas sena (1) esperjenza prattika bħala *accountant/auditor/business analyst;*

(b) preparing financial and business statements, status reviews and assessments, cost-benefit analyses, financial management reports and other documents;

(c) monitoring adherence and analyzing variances from agreed financial targets, estimates and budgetary allocations;

(d) rationalizing and identifying potential savings in expenditure through a variety of mechanisms, such as, reviews, audits, benchmarking and other modern techniques;

(e) recording all activities and compiling adequate reports/records which should serve as a basis for sound financial management decisions;

(f) carrying out any other work as directed by the Director (Financial Control);

(g) carrying out any other work as directed by the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

5.1 Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) be in possession of a recognized postgraduate degree, or a recognized comparable appropriate qualification, in Accountancy or Business Management plus a minimum of one (1) year practical experience as an accountant/auditor/business analyst;

Jew

(ii) ikollhom *first degree (Honours)* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy* jew *Business Management* u ta' l-anqas tliet snin (3) esperjenza prattika bħala *accountant*/awditur/*business analyst;*

(d) ikollhom sengħa ta' komunikazzjoni tajba ħafna, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma, u jkunu kapaċi sew fil-lingwa Maltija u Ingliża; u

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record (GP 47);* waqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

5.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk il-kandidati li jkollhom livell għoli ta' analiżi u li jkunu kapaċi jagħmlu rakkomandazzjonijiet.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-

Or

(ii) be in possession of a recognized first degree (Honours), or a recognized comparable appropriate qualification, in Accountancy or Business Management plus a minimum of three (3) years' practical experience as an accountant/auditor/business analyst;

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of both the Maltese and English language; and

Id-Direttur, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2007, fit-Taqsima għall-Konsumatur u Kompetittività, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera, jintlaqgħu offerti magħluqin għall -kiri ta' tliet vetturi *self-drive* għal perjodu ta' għaxar xhur.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokument ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni għas-*Support Services* tat-Taqsima għall-Konsumatur u Kompetittività, Triq il-Kanun, Santa Venera.

Is-27 ta' Frar, 2007

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

The Director, Office of Fair Competition , notifies that sealed tenders will be received by the Consumer and Competition Division, Office of Fair Trading, Triq il-Kanun, Santa Venera, up to 10.00 a.m. of Friday,16th March, 2007, for the leasing of three self-drive vehicles for a period of 10 months.

A fee of Lm5 (€11.65) is being charged for the procurement of each tender document.

Copies of the tender document may be collected from the Administration Support Services Office of the Consumer and Competition Division, Triq il-Kanun, Santa Venera.

27th February, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, Malta Information Technology and Training Services Ltd, jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 20007, f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, fil-kaxxa ta' l-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. M388/07. Għoti ta' servizz ta' tindif għall-MITTS Ltd.

L-offerti għandhom ikunu f'envelops magħluqa u mmarkati "Għoti ta' Servizz ta' Tindif - M388/07".

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS Ltd, http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas, waqt li kopja stampata ta' l-istess dokument tista tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil csmu@gov.mt fuq ħlas ta' Lm15 (€34.94).

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew *email* lil csmu@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta jintefgħu l-offerti, u jkun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbgħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Is-27 ta' Frar, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer, Malta Information Technology and Training Services Ltd, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 30th March, 2007, for:-

Advt. No. M388/07. Provision of cleaning services to MITTS Ltd.

Tenders should be in sealed envelopes and marked with "Provision of Cleaning Services - M388/07".

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website at http://www.mitts.gov.mt. A printed copy can be obtained through an e-mail sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15 (€34.94).

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an e-mail to csmu@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

27th February, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, *Malta Information Technology and Training Services Ltd*., jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-3 ta' April, 2007, fil-Kaxxa ta' l-Offerti li insab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. M387/07. Provvista u tqegħid ta' madum fil-bini tal-MITTS Ltd.

L-offerti għandhom ikunu f'envelops magħluqa u mmarkati "Provvista u tqegħid ta' madum fil-bini tal-MITTS Ltd - M387/07".

Min hu interessat huwa mistieden biex jara l-post nhar it-Tnejn, 5 ta' Marzu 2007 fl-10.00 a.m.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS LTD, http://www.mitts.gov.mt minghajr ħlas, waqt li kopja stampata ta' l-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-email mibgħuta lil csmu@gov.mt fuq ħlas ta' Lm15 (€34.94)

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew email lil csmu@gov.mt

Il-ħlas dovut għandu jsir meta jintefgħu l-offerti u jkun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Is-27 ta' Frar, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer, Malta Information Technology and Training Services Ltd., notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up to noon of Tuesday, 3rd April, 2007, for:-

Advt. No. M387/07. Supply and laying of gres porcellanoto floor tiles at MITTS Ltd Premises.

Tenders should be in sealed envelopes and marked "Supply and laying of gres porcellanoto floor tiles at MITTS Ltd Premises - M387/07".

A site visit is being organised for all prospective bidders on Monday, 5th March 2007 at 10.00 a.m.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website http://www.mitts.gov.mt. A printed copy can be obtained through an email sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15 (€34.94).

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an email to csmu@gov.mt.

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

27th February, 2007

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH 41/2007. Diversi xogħlijiet ta' modernizzar u finituri fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel jingħabru d-dokumenti ta' l-offerta, l-offerenti għandhom iħallsu dritt ta' Lm25 (€58.23) lid-Direttur, uffiċċju Finanzi u Amministrazzjoni, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Attard.

Is-27 ta' Frar, 2007

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box up to noon of Tuesday, 20th March, 2007, for:-

Advt. No. MCH 41/2007. Various refurbishment works and finishes at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay a fee of Lm25 (€58.23) at the Director Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospital, Notabile Road, Attard.

27th February, 2007

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni

Id-Direttur Ġenerali Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tat-Taqsima tas-*Support Services* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Sta. Venera, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/07. Kiri ta' tliet (3) karozzi *self drive* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

Formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, St. Venera. Persuni jew ditti interessati jistgħu jikkuntattjaw it-Taqsima tas-*Support* fuq in-numru tat-telefon: 21446250-5 għal aktar dettalji.

Is-27 ta' Frar, 2007

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Consumer and Competition Division

The Director General Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box in the office of the Support Services Section at the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Triq il-Kanun, St. Venera, up to 10.00 a.m. on Friday, 16th March 2007, for:-

Advt. No. 1/07. Hiring of three (3) self drive cars at the Consumer and Competition Division, Ministry for Competitiveness and Communications.

Tender forms and further information may be obtained from the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Triq il-Kanun, St. Venera. Interested firms or individuals can contact the Support Section on telephone number: 21446250-5 for further details.

27th February, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2007, fil-Kaxxa ta' l-Offerti, li tinsab fil-Fergħa tas-Servizzi Finanzjarji, (Kamra 130), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin f'envelop indirizzat minn qabel, għal:-

Avviż Nru. F.S.B. 01/07. Akkwist ta' *Multimedia Computers* għall-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni minn Kamra 137 tas-Servizzi Finanzjarji tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Is-27 ta' Frar, 2007

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Room 130), Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 20th March, 2007, for:-

Advt. No. F.S.B. 01/07. Procurement of Multimedia Computers for Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

A payment of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Financial Services Room 137 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

27th February, 2007

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Marzu, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 21-07. Provvista u twaħħil ta' *perimeter fence* fil-*Junior Lyceum* Dun Ġużepp Brighella, il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Frar, 2007

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 21st March, 2007, for:-

Advt. No. FTS 21-07. Supply and installation of a perimeter fence at Dun Ġużepp Brighella Junior Lyceum, Ħamrun.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

27th February, 2007

KORPORAZZJONI DWAR XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni dwar Xogħol u Taħriġ tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għall-offerta li ġejja:–

ETC/F/05/2007. Provvista ta' Servizzi ta' Verifika.

kif speċifikat fid-dokumenti ta' l-offerta. Kopji ta' dan id-dokument jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Finanzi tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar fuq dritt ta' ħlas ta' Lm20 (€46.59)-il wieħed.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation will receive tenders from established organisations for the following tender:–

ETC/F/05/2007. Supply of Auditing Services.

as specified in its tender document. Copies of the tender document may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon against a payment fee of Lm20 (€46.59) each.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2007.

L-isem ta' l-applikant, flimkien mat-titolu u l-*code* ta' l-offerta kif imsemmi hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta f'parti jew kollha kemm hi, xi offerta jew kwalunkwe offerta li taslilha.

Is-27 ta' Frar, 2007

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the Tender Box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than noon of Tuesday, 20th March, 2007.

The applicants's name, together with the tender title and code as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all of the tenders submitted.

27th February, 2007

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2007, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess magħluqin għal:–

El/01/2007 - Espressjonijiet ta' interess għall-provvista u stallazzjoni ta' bandli, logħob għat-tfal u materjal ta' sigurtà sabiex jitwaħħlu f'diversi bandli f'Pembroke.

Persuni u kumpaniji nteressati għandhom jissottomettu kull dettalji li għandhom speċjalment qisien, specifikazzjonijiet ta' saħħa u sigurtà ta' l-apparat u garanziji.

L-espressjonijiet ta' interess kollha għandhom jiġu sottomessi f'envelop issiġillat. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-Uffiċċju. L-espressjonijiet ta' interess kollha jinfetħu fil-Pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull espressjoni ta' interess, jew parti minnha anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Frar, 2007

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:–

Sealed expression of interest will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Wednesday, 28th February, 2007, for:–

El/01/2007 - Expressions of interest for the provision and installation of play equipment and safety material in various public gardens around Pembroke.

Interested suppliers are to submit all details including dimensions, health and safety specifications and warranty.

All expressions of interest are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Alamein Road, Pembroke during office hours. Expressions of interest will be opened in public after the closing time stipulated.

The Council reserves the right to refuse any expression of interest or part thereof, even the most advantageous.

27th February, 2007

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Sliema jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Marzu 2007 fl-uffiċċji tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. SLC/T/211. Xiri ta' vann biex jintuża għax-xogħol tal-Kunsill.

SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Sliema Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Council's office by not later than noon of Friday, 9th March 2007, for:-

Advt. No. SLC/T/211. Purchase of Council maintenance van.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-uffiċċji tal-Kunsill fi Triq Depiro, Tas-Sliema, bejn it-8.00 a.m. u s-1.30 p.m. bi prezz ta' Lm20 (€46.59).

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

27th February, 2007

Tender documents can be collected from the Council's offices in Triq Depiro, Sliema, between 8.00 a.m. and 1.30 p.m. at a cost of Lm20 (€46.59).

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th February, 2007

DEPUTAZZJONI TAL-LEGATI TAŻ-ŻWIEĠ

Skond u għall-finijiet tal-Paragrafu V tal-Proklama tal-Gvern tas-7 ta' Settembru, 1831, ngħarrfu lil min hu interessat illi l-Kummissjoni hawn fuq imsemmija għamlet dawn l-għażliet:

Fil-Legat imħolli mill-Can. Penitenziere Salvatore Schembri:

1. Anna, bint Carmelo Galea u Maria Carmela sive Marlene Lowell, imwielda l-Furjana fl-24 ta' Ġunju, 1961.

2. Cynthia, bint Carmelo Galea u Maria Carmela sive Marlene Lowell, imwielda l-Furjana fit-3 ta' Novembru, 1964.

3. Christa, bint Joseph Consiglio u Rosa Jaccarini, imwielda San Ġiljan fid-9 ta' Diċembru, 1961; illum mart Nicholas Diacono.

4. Susanne, bint Albert Galea u Antoinette Gatt, imwielda Ħ'Attard fl-4 ta' Diċembru, 1974; illum mart Keith German.

5. Jacqueline, bint Leslie Vella u Carmela Mangion, imwielda Ħ'Attard fit-13 ta' Ġunju, 1970; illum mart Mario Batolo.

6. Christine, bint Oscar Galea u Maria Pace, imwielda San Ġiljan fit-30 ta' April, 1972; illum mart Edward Tanti.

7. Stefania, bint Oscar Galea u Maria Pace, imwielda San Ġiljan fit-12 ta' Ottubru, 1973.

8. Annabelle, bint Vincent Attard u Antoinette Cardona, imwielda Ħ'Attard fit-3 ta' April, 1972; illum mart Matthew Wismayer.

9. Alexia, bint Louis Said Pullicino u Agnes Buttigieg, imwielda San Ġiljan fit-22 ta Novembru,1974.

10. Antonella, bint Dante Grech u Maria Carmela Borg, imwielda Pietà fl-20 ta' Lulju, 1977, illum mart Ivan Camilleri.

MARRIAGE LEGACIES COMMISSION

In terms and for the purposes of Paragraph V of the Government Proclamation of the 7th September,1831, it is hereby notified to whom it may concern that the aforementioned Commission has made the following elections:

In the Legacy founded by Can. Penitenziere Salvatore Schembri:

1. Anna, daughter of Carmelo Galea and Maria Carmela *sive* Marlene Lowell, born at Floriana on the 24th June, 1961.

2. Cynthia, daughter of Carmelo Galea and Maria Carmela sive Marlene Lowell, born at Florina on the 3rd November, 1964.

3. Christa, daughter of Joseph Consiglio and Rosa Jaccarini, born at Saint Julian's on the 9th December, 1961; presently married to Nicholas Diacono.

4. Susanne, daughter of Albert Galea and Antoinette Gatt, born at Attard on the 4th December, 1974; presently married to Keith German.

5. Jacqueline, daughter of Leslie Vella and Carmela Mangion, born at Attard on the 13th June, 1970; presently married to Mario Bartolo.

6. Christine, daughter of Oscar Galea and Maria Pace, born at Saint Julian's on the 30th April, 1972; presenetly married to Edward Tanti.

7. Stefania, daughter of Oscar Galea and Maria Pace, born at Saint Julian's on the 12th October, 1973.

8. Annabelle, daughter of Vincent Attard and Antoinette Cardona, born at Attard on the 3rd April, 1972, presently married to Matthew Wismayer.

9. Alexia, daughter of Louis Said Pullicino and Agnes Buttigieg, born at Saint Julian's on the 22nd November, 1974.

10. Antonella, daughter of Dante Grech and Maria Carmela Borg, born at Pietà on the 20th July, 1977, presently married to Ivan Camilleri.

11. Miriam, bint Dante Grech u Maria Carmela Borg, imwielda Pietà fid-29 ta'Jannar, 1983.

12. Petra, bint Robert Pace Bonici Mompalao u Ines Farrugia, imwielda San Ġiljan fit-12 ta' Novembru, 1978.

13. Lara, bint Joseph Said Pullicino u Geraldine Micallef, imwielda Pietà fit-23 ta' Mejju, 1981.

14. Maria, bint Philip Said Pullicino u Elizabeth Azzopardi, imwielda Pietà fil-25 ta' Ġunju, 1983.

15. Louise, bint Nicholas Diacono u Christa Consiglio, imwielda Pietà fis- 27 ta' Marzu, 1986.

16. Claudine, bint Michele Vella u Maria Carmela Zammit, imwielda Pietà fis-7 ta' Diċembru, 1974; illum mart Brian Abela.

17.Yvette, bint Anthony Borg u Mary Rose Abela, imwielda Pietà fil-21 ta' Ottubru, 1975.

18. Joanne Louise, bint Louis Borg u Nicolina Vassallo, imwielda San Ġiljan fl-l ta' Novembru, 1975; illum mart Robert Van der Laan.

19. Odette, bint Philip Cortis u Salvina Pirotta, imwielda Ħ'Attard fl-4 ta' Awissu, 1978; illum mart Jonathan Gauci.

20. Claire, bint Anthony Pace Balzan u Ninette Schembri, imwielda Pietà fit-13 ta' April, 1981.

21. Sarah Anne, bint Joseph Scicluna u Maria Rosaria Ellul, imwielda Pietà fl-4 ta' Diċembru, 1981.

22. Michelle, bint Gio Maria Sandrini u Odette Schembri, imwielda Brescia (Italja) fit-22 ta' April, 1983.

23. Melanie, bint John Darmanin u Carmela Pace, imwielda Pietà fit-13 ta' Awissu, 1983.

24. Graziella, bint John Darmanin u Carmela Pace, imwielda Pietà fil-31 ta' Ottubru, 1984.

25. Gaetana Barbara, bint Peter Barbara (mejjet) u Mary Rose Galea, imwielda il-Furjana fid-9 ta' Marzu, 1965; illum mart Jesmond Grima.

26. Althea Cutajar, bint Andrew Cutajar u Anna Sammut, imwielda Pietà fit-2 ta' April, 1984.

11. Miriam, daughter of Dante Grech and Maria Carmela Borg, born at Pietà on the 29th January, 1983.

12. Petra, daughter of Robert Pace Bonici Mompalao and Ines Farrugia, born at Saint Julian's on the 12th November, 1978.

13. Lara, daughter of Joseph Said Pullicino and Geraldine Micallef, born at Pietà on the 23rd May, 1981.

14. Maria, daughter of Philip Said Pullicino and Elizabeth Azzopardi, born at Pietà on the 25th June, 1983.

15. Louise, daughter of Nicholas Diacono and Christa Consiglio, born at Pietà on the 27th March, 1986.

16. Claudine, daughter of Michele Vella and Carmela Zammit, born at Pietà on the 7th December, 1974, presently married to Brian Abela.

17. Yvette, daughter of Anthony Borg and Mary Rose Abela, born at Pietà on the 21st October, 1975.

18. Joanne Louise, daughter of Louis Borg and Nicolina Vassallo, born at St Julian's on the 1st Novembebr, 1975; presently married to Robert Van der Laan.

19. Odette, daughter of Philip Cortis and Salvina Pirotta, born at Attard on the 4th August, 1978; presently married to Jonathan Gauci.

20. Claire, daughter of Anthony Pace Balzan and Ninette Schembri, born at Pietà on the 13th April, 1981.

21. Sarah Anne, daughter of Joseph Scicluna and Maria Rosaria Ellul, born at Pietà on the 4th December, 1981.

22. Michelle, daughter of Gio Maria Sandrini and Odette Schembri, born in Brescia (Italy) on the 22nd April, 1983.

23. Melanie, daughter of John Darmanin and Carmela Pace, born at Pietà on the 13th August, 1983.

24. Graziella, daughter of John Darmanin and Carmela Pace, born at Pietà on the 31st October, 1984.

25. Gaetana Barbara, daughter of the late Peter Barbara and Mary Rose Galea born at Floriana on the 9th March, 1965, presently married to Jesmond Grima.

26. Althea Cutajar, daughter of Andrew Cutajar and Anna Sammut, born at Pietà on the 2nd April, 1984.

(Fr. Carmelo Farrugia)
Segretarju
Uffiċċju Deputazzjoni,
Legati taż-Żwieġ,
Palazz ta' l-Arċisqof,
Triq l-Arċisqof,
Valletta VLT 12

Id-19 ta' Frar, 2007

(Fr. Carmelo Farrugia)
Secretary
Commission's office,
Marriage Legacies,
Archbishop's Palace,
Archbishop's Street,
Valletta VLT 12

19th February, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

310

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lotfi Labidi (ID16852A) ta' Old Trafford, Flat 1, Triq Moroni, Gżira, sabiex thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm612.58) (€1426.93) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (815/06ISB) hija differita għat-8 ta' Marzu 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 12th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 14th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Lotfi Labidi (ID16852A) of Old Trafford, Flat 1, Triq Moroni, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and twelve Maltese liri and fifty eight cents (Lm612.58)(€1426.93) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 815/06ISB) is put off on the 8th March 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

311

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Lulju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Johan Grech ta' 18 Villa Hawaii, Triq l-Akwadott, Birkirkara sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm86.69)(€201.93) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 12th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Johan Grech of 18, Villa Hawaii, Triq l-Akwadott, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of eighty six Maltese liri and sixty nine cents (Lm86.69)(€201.93) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

Il-kawża (677/06ISB) hija differita għat-8 ta' Marzu 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 677/06ISB) is put off on the 8th March 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

312

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Jannar 2007, minn George Mangion u oħrajn, Rikors numru 80/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa a favur George, Maria Dolores, Carmen Farrugia, Michael Mangion, u Ġuża Zammit, aħwa Mangion ulied il-mejjet George u dan fi kwota ta' kwint (1/5) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' oħthom Rita Mangion, xebba, bint il-mejtin George u Assunta Mangion neé Barbara, imwielda Qormi, kienet toqgħod San Ġwann u mietet Pietà fis-16 ta' Ġunju 2006, ta' 43 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 362063(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista'jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an Application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th January 2007, by George Mangion and others Application number 80/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of George, Maria Dolores, Carmen Farrugia, Michael Mangion, and Ġuża Zammit, brothers and sisters Mangion children of the late George and this in the quota of one-fifth (1/5) undivided share each one of them the SUCCESSION of their sister Rita Mangion, unmarried, daughter of the late George and Assunta Mangion neé Barbara, born in Qormi, who resided in San Ġwann and died in Pietà on the 16th June 2006, aged 43, and who had identity card number 362063(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et. seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

313

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Renè Belakristu ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat , a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Jannar 2007, lil Renè Belakristu – Lo Brindcaer, Sidra Street, Swieqi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ġa Norwich Union International Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Pierre Pellegrini, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Pierre Pellegrini (181766M) filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-16 ta' Frar 2005, għall-ħabta ta' 8.36 a.m., ġewwa Triq is-Sidra Swieqi, bejn

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 19th February 2007, in the records of the judicial letter in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Renè Belakristu ordered the following publication for the of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a letter filed, in the Court of Magistrates (Malta) on the 19th January 2007, to Renè Belakristu – Lo Brindcaer, Sidra Street, Swieqi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) in the name and in representation of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited previously Norwich Union International Limited and the latter as subrogated in the rights of her insured Pierre Pellegrini, on the basis of the insurance policy of the type comprehensive and by Law, and the same Pierre Pellegrini (181766M) whilst referring to the car accident which occurred on the 16th February 2005,round about 8.36am, in Sidra Street, Swieqi

il-vettura misjuqa minnek, bin-numru ta' reġistrazzjoni LAF 826 u l-vettura proprjetà tal-mittenti Pierre Pellegrini bin-numru ta' reġistrazzjoni GVD 607, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Pierre Pellegrini is-somma ta' ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm75.00)(€174.70) rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited bħal riżultat ta' dan l-inċident u tħallas ukoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' ħamsa u sebgħin Lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm75.70) (€176.33) għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġini, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Il-mittenti jinformawk illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Kopja ta' din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll lill-Middlesea Insurance plc, għal kull tenur u effett tal-ligi.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament iżda mhux limitatament għall-skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-interessi legali.

Mittenti: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Intimat: Lo Brindcaer, Sidra Street, Swieqi.

Notifika: Middlesea Insurance plc,Middlesea House, Floriana.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

between the vehicle driven by you with registration number LAF 826 and the vehicle property of the interpellant Pierre Pellegrini with registration number GVD 607, call upon you so that within three (3) days you pay the interpellant Pierre Pellegrini the sum of seventy five Maltese Liri (Lm75.00) (€174.70) representing excess payment paid by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited as a result of this incident and pay also the interpellant Fogg Insurance Agencies Limited the sum of seventy five Maltese Liri and seventy cents (Lm75.70) (€176.33) for payments effected by him to her insured as a result of the said accident, which accident, occurred solely as a result of carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations, on your part.

The interpellant informs you that in case that the term given to you uselessly passes they shall have no alternative but to proceed further against you with all the means contemplated by law.

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid useless expenses and procedures.

A copy of this letter is being sent also to Middlesea Insurance plc, for all intents and purposes of Law.

This letter is being made especially, but not limitedly for the purpose of interruption of prescription and in terms of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

With costs and with legal interests.

Interpellant: Britannia House. Melita Street, Valletta.

Respondent: Lo Brindcaer, Sidra Street, Swieqi.

Notify: Middlesea Insurance plc, Middlesea House, Floriana.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 22nd February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

314

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-26 ta' Jannar 2007, fejn dan talbu li tiġi ddikjarta miftuħa favur l-istess Vincent Zammit u oħrajn, Rikors numru 70/2007, fejn dan talbu li tiġi ddikjarta miftuħa favur l-istess Vincent Zammit (żewġ id-decujus) u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Martin u Johann, aħwa Fenech ulied id-decujus, u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Frances Zammit, mart l-istess Vincent, bint il-mejtin Francis Seychell u Mary neé Galea, imwielda

It is hereby notified that by an Application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 26th January 2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Vincent Zammit and others, Application number 70/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Vincent Zammit (husband of the decujus) and this in the quota of one-half (1/2) unidivided share, and in favour of Martin and Johan, brothers Fenech, children of the decujus, and this in the quota of one-fourth (1/4) undivided share in favour of each one of them the

Vittoriosa, kienet toqgħod Tarxien u mietet Pietà fl-14 ta' Ġunju, 2006 ta' 66 sena u kellha karta ta' l-identità numru 810639(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

SUCCESSION of Frances Zammit, wife of the same Vincent, daughter of the late Francis Seychell and Mary neé Galea, born in Vittoriosa, who resided in Tarxien and died in Pietà on the 14th June 2006, aged 66 and who had identity card number 810639(M) and who died intestate and thus the bann was issued in ordered that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

315

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Frar, 2007 fuq rikors ta' MICALLEF GORDON ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Frar, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CASSAR KEVIN.

1. vettura Peugeot 306 reg No GAB-203

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5 February, 2007 on the application of MICALLEF GORDON, Monday, 5 March, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 5 February, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of CASSAR KEVIN.

1. motor vehicle Peugeot 306 reg No GAB-203

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 21 February, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

316

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Frar, 2007 fuq rikors ta' AUTO SALES LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Frar, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BONELLO RUEBEN.

1. television, salott, mejda u erba' siġġijiet

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5 February, 2007 on the application of AUTO SALES LTD, Monday, 5 March, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 05 February, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of BONELLO RUEBEN.

1. televison set, settee, table and four chairs

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 21 February, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

317

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-31 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jesmond Pulis (ID105965M) ta' 2, Shalom, Triq il-Ħofra, Ħaż-Żabbar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u erbgħa u tletin lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm634.56) (€1,478.13) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

